MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2418/2002

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Nicholas Micallef u l-istess Nicholas Micallef**

**Vs**

**Kenneth Dimech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-atturi fejn talbu li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ta' l-incident tat-traffiku kif spjegat fl-istess Avviz. L-atturi talbu wkoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Lm293.79c (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) bhala danni risultanti mill-istess incident.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit:

“L-inkompetenza “rationae maeteria” ta’ dan it-Tribunal li jiddeciedi dan il-kaz inkluz dwar dikjarazzjonijiet ta’ responsabilita’ u dan in liena preliminari”.

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment li l-incident ma kienx tort tal-konvenut u f’kull kaz l-ammont reklamat huwa esagerat.

Illi b’sentenza in parte datata 24 ta’ April, 2003 l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut gie michud.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Illi mir-rapport tal-Pulizija jirrisulta li wara l-incident il-konvenut qal:

“Kont ghaddej minn Triq il-Kanun Qormi, smajt hoss go van imma ma tajtx kaz li lqat Vettura BAD 081 ghax gol-kaxxa tal-van ikolli hafna ghodda”.

Il-vettura tal-attur kienet ipparkjata fil-hin ta’ l-incident. Meta xehed l-konvenut qal li kien qallu lill-attur li jaraw x’hemm hsara u jirrangahielu. Il-konvenut ftakar li qal dak id-diskors lil Pulizija wara l-habta.

Illi m’hemmx dubju li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall- incident billi l-vettura tal-attur kienet ipparkjata u l-konvenut kellu l-obbligu li jara dak li kien hemm fit-triq.

Illi gie esebit is-survey u l-ircevuti.  Ma hemm ebda raguni ghaliex dawn m’ghandhomx jigu accettati.
Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ Lm293.79c (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-16 t’ Ottubru, 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------